Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 240/2011 AE

**Philip Pace**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi**

Il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju 2016.

Fit-8 ta' Marzu 2011 Philip Pace ippreżenta Avviż fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar li permezz tiegħu talbu jikkundanna lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi thallsu s-somma ta' tlett elef Euro (€3000) rappreżentanti *grant*, ossia ħlas lura ta' somma mħallsa mill-attur fuq xiri ta' tagħmir li jippromwovi l-effiċenżja tal-enerġija rinnovabbli, in segwitu ghall-applikazzjoni tal-istess attur *ai termini* tal-Government Notice 81 tal-2009 u liema applikazzjoni ġiet debitament milqugħa u aċċettata mill-Awtorita` konvenuta.

L-Awtorita` eċċepiet li fil-fatt ma aċċettatx l-applikazzjoni in kwistjoni billi l-attur ma ssottomettiex id-dokumenti kollha neċessarji fiż-żmien stipulat mill-imsemmi avviż. Meta l-Awtorita (bla preġudizzju) talbitu jiġġustifika s-sottomissjoni tardiva tad-dokumenti, rriżulta li r-raġunijiet mogħtija ma kienux minnhom.

Fl-4 ta' Diċembru 2012 l-Awtorita` konvenuta eċċepiet ulterjorment illi t-Tribunal Għal Talbiet Żgħar mhux kompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talba attriċi billi r-rimedju idoneju sabiex tiġi attakkata deċiżjoni amministrattiva hi l-proċedura taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre, ddikjarat li r-rikorrenti kellu jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Riżorsi, li kellu ġurisdizzjoni esklussiva li jisma' appelli minn deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi u dan skond ma kien jipprovdi l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2014 it-Tribunal ċaħad it-talba tal-attur wara li laqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Awtorita`.

L-attur appella mis-sentenza. L-aggravju hu:

(i) it-Tribunal żbalja meta qies li kellu bilfors jipproċedi quddiem il-Bord tal-

Appell dwar ir-Riżorsi. Il-leġislatur ta' lit-Tribunal il-kompetenza li jaqta' t-talbiet **kollha** ta' flus sal-ammont massimu ta' €3,494.06 u l-unika limitazzjoni tinstab fl-artiklu 3(5) tal-Kap 380. It-Tribunal iżda żied limitazzjoni oħra, *"jew minn xi liġi oħra ta' liema xorta hi"*. L-Att XXV.2000 ma jagħtix kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kull talba li tinvolvi l-Awtorita`, billi Artiklu 33 tal-istess Att jgħid illi *"**Jista'** jsir appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Riżorsi"*. Meta l-leġislatur ried jagħti kompetenza esklussiva, dan qalu espliċitament bħalma għamel fil-każ tal-Bord li Jirregola l-Kera meta kkonferielu l-kompetenza *"minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra"*.[1] Billi kemm il-Kapitlu 380 kif ukoll l-Att XXV.2000 huma liġijiet speċjali, il-prinċipju *lex specialis derogat legi generalis* ma jreġix.

(ii) it-Tribunal ma qiesx il-fatt li l-appellanti ġie mċaħħad mill-opportunita` li jressaq appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Riżorsi.

L-Awtorita` appellata wieġbet li l-Bord tal-Appell kellu kompetenza esklussiva dwar il-kwistjoni mqanqla mill-appellant, u li mhux minnu li ċċaħħad mill-opportunita` li jappella quddiem il-Bord tal-Appelli.

**<u>Fatti</u>**.

1. Fis-sena 2009 l-attur xtara pannelli fotovoltajiċi ghad-dar tieghu (27, Triq il-Lunzjata, Sliema). Is-sistema ġiet installata fl-1 ta' Settembru 2009.
2. L-attur applika mal-konvenuta biex jingħata grant skond skema li kienet tapplika matul dak iż-żmien. B'ittra datata 6 ta' Mejju 2009 ġie nfurmat: *"The MRA has processed your application for a grant on the purchase of equipment that promotes energy efficiency and renewable energy submitted under Government Notice 81 of 2009. This has been examined and its eligibility confirmed."* Fl-ittra jingħad ukoll li l-grant kienet ta' €3,000, u kienet titħallas *"... subject to the purchase and installation of equipment as per above details and submission of a completed application form (PART III) to MRA Offices by not later thand four (4) months from the date indicated above. Late submissions will mean that the grant offered to you may be withdrawn."* Il-qorti fehmet li d-data kienet is-6 ta' Mejju 2009.
3. Skond ir-records tal-konvenuta, irċeviet Part III fis-16 ta' Marzu 2010. Min-naħa tiegħu l-attur isostni li kien personalment ta l-applikazzjoni fis-7 ta' Settembru 2009 iżda ma ngħatax *acknowledgement*[2]. Fatt kontestat mill-kontroparti.

[1] Art. 16(4) tal-Kap 69

[2] Mill-atti ma jirriżultax li waqt is-smiegh tal-provi l-attur ippreżenta Part III tal-applikazzjoni u li qal li ppreżenta lill-konvenuta fis-7 ta' Settembru 2009.

4. Fis-16 ta' Marzu 2010 l-attur ippreżenta applikazzjoni ohra.
5. B'ittra datata 29 ta' Marzu 2010 (fol. 27), il-konvenuta nfurmat lill-attur li l-applikazzjoni kienet reġgħet ġiet eżaminata minn Vetting Board u rriżulta li ma kinitx konformi ghar-raġuni li: *"Government notice clearly states that application form part III must be received within four months from the date listed on the grant offer letter."*

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant li l-Kap 380 u l-Att XXV.2000 huma t-tnejn liġijiet speċjali u allura waħda ma tistax tħassar jew tidderoga mill-oħra. X'inhu ġenerali u x'inhu speċjali jiddependi mill-kuntest. Il-Kap 380 jista' jitqies bħala liġi "speċjali" billi jiddistingwi bejn il-kompetenza fejn jidħlu ċerti kwistjonijiet dwar flus u kwistjonijiet ta' xorta oħra. Pero` l-Att XXV tal-2000 hu wkoll liġi speċjali, u dan ukoll fil-konfront tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

Kif tajjeb osserva t-Tribunal, fiż-żmien in kwistjoni l-Artikolu 33 tal-Att XXV tal-2000 kien jipprovdi:

*"(1) Jista' jsir appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar ir-Riżorsi minn kull deċiżjoni ta' l-Awtorita skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolament magħmulin taħtu u kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni bħal dik għandu jkollha l-jedd li tagħmel appell.*

*(2) Jista' jsir appell quddiem il-Bord għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) li jkun sar żball materjali dwar il-fatti;*

*(b) li hemm żball materjali fil-proċedura;*

*(c) li jkun sar żball fil-liġi;*

*(d) li kien hemm xi illegalita' materjali, inkluża l-irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporżjonalita."*

Mill-atti jirriżulta li l-ilment tal-attur hu bażat fuq it-teżi li kien ipprezenta Part III tal-applikazzjoni qabel skadew l-erba' xhur li jissemmew fl-ittra tas-6 ta' Mejju 2009. Min-naha l-ohra l-konvenuta ssostni li kien biss fis-16 ta' Marzu 2010 li l-attur ippreżenta l-applikazzjoni, u ċjoe' xhur wara li skada t-terminu li jissemma fl-ittra tas-6 ta' Mejju 2009. Il-qorti m'għandhiex dubju li din it-tilwima taqa' taħt 33(2)(a) u (d) tal-Att XXV.

Il-qorti ma taqbilx li meta l-liġi tipprovdi li wieħed *"jista'"* jappella quddiem Bord, dak ifisser li għandu għażla. Il-kelma *"jista'"* tagħti biss id-dritt li wieħed jikkontesta deċiżjoni. Pero' dan irid isir quddiem il-foro indikat mil-liġi nnifisha.

Fl-interpretazzjoni tal-liġi wieħed ifittex ukoll l-għan wara d-disposizzjoni. Rilevanti għas-soluzzjoni tal-aggravju tal-appellant hu l-kriterju sistematiku: *"Gia` Celso (D. 1, 3, 24)* sosteneva che *incivile est, nisi tota lege perspecta, una aliqua particula eius proposita iudicare vel respondere. Per determinare, infatti, il significato e la portata di una disposizione e` indispensabile collocarla nel quadro complessivo dell'ordinamento in cui va inserita, onde evitare contraddizioni e ripetizioni, istituire opportuni coordinamenti, e via dicendo"*[3]. Ma jidhirx li l-leġislatur ried jagħti l-kompetenza lil żewġ fori differenti. Ma jidhirx lanqas li ried li tilwima simili tkun ta' kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar in kwantu b'ligi holoq Bord tal-Appell b'setgħa li jistħarreġ ċertu deċiżjonijiet tal-Awtorita u li *"jirreferi l-kwistjoni lill-Awtorita` flimkien ma' ordni biex din terġa' tikkunsidra mill-ġdid u tasal għal deċiżjoni skond ir-riżultanzi tal-Bord"*[4] u skond l-Artikolu 34 jipprovdi:

*"(1) Il-Bord ikun kompetenti li jisma u jiddeċiedi appell li jinġieb quddiemu skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu; u bla ħsara ghall-artikolu 36 ta' dan l-Att,* ***id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali u konklużivi.****"*

Sabiex it-Tribunal għal Talbiet Żgħar jasal għal deċiżjoni ta' kundanna għall-ħlas, kien ikun meħtieġ li jistħarreġ meta effettivament ġiet preżentata Part III tal-applikazzjoni. Materja li skond l-Artikolu 33 tal-Att XXV hi ta' kompetenza tal-Bord tal-Appell.

Il-qorti tinnota wkoll li jekk wieħed ma jikkondividix li t-tilwima kienet ta' kompetenza tal-Bord tal-Appelli, xorta t-Tribunal ghal Talbiet Żgħar ma kellux kompetenza. Fir-realta' l-attur qiegħed jilmenta minn egħmil amministrattiv, ċjoe' d-deċiżjoni tal-Awtorita' konvenuta li tirrifjuta t-talba tiegħu biex jitħallas il-grant. Mhux possibbli li dan l-istħarriġ isir mit-Tribunali in kwantu fin-nuqqas tal-provvedimenti tal-Att XXV tal-2000, kien japplika l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

L-attur argumenta wkoll li:

*"…. n-nuqqas tal-esponenti illi jikkontesta d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorita ntimata quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Riżorsi ma kinitx waħda kapriċċjuża, iżda waħda miġjuba mill-Awtorita' appellata stess. Billi l-esponenti baqa' dejjem jiġi mwiegħed illi ċ-ċekk tiegħu se jasal, u jifdal biss illi jgħaddi mill-Accounts Department, huwa qatt ma seta' jimxi u qatt ma ħaseb 'l għaliex kellu jappella."* (fol. 7).

[3] Torrente & Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato*, Edizzjoni numru 18 (2007), paragrafu 25 pagna 51.
[4] Art 33(4) tal-Att XXV.2000.

Hu minnu li l-attur xehed li *"... għal ħafna xhur, sa Marzu 2010 żammejt kuntatt kostanti ma' Ms Azzopardi, dejjem nistaqsi dwar dan id-dewmien fil-pagament. Din dejjem kienet isserahli rasi u tassigurani li fi ftit żmien, wara li ċ-ċekkijiet jiġu cleared mill-Accounts Department, jien kont se nirċievi l-flus."* (fol. 19).

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. Din il-verżjoni ma ġietx konfermata minn Karen Azzopardi. F'kull każ ukoll jekk kellha titwemmen il-verżjoni tal-attur, ix-xhud ma kinitx l-uffiċjal responsabbli biex tiddeċiedi tintlaqax l-applikazzjoni għall-ħlas. Il-qorti lanqas ma tara kredibbli li x-xhud kienet tgħid lill-attur li ser jirċievi ċ-ċekk meta jirriżulta li sas-16 ta' Marzu 2010 il-konvenuta ma kellhiex reġistrat li rċeviet Part III tal-applikazzjoni.
ii. Kien bl-ittra tad-29 ta' Marzu 2010 li l-attur ġie nfurmat li wara li l-każ kien reġa ġiex mistħarreġ mill-Vetting Board, l-applikazzjoni kienet *'non compliant'* peress li Form III ġiet preżentata wara li kien skada t-terminu li jissemma fil-*grant offer letter*. Kien f'dak l-istadju li l-attur kellu jappella quddiem il-Bord tal-Appelli u mhux qabel.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.